MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1131/2002

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**USA Boats Ltd bhala debitur principali u Philip u Josette konjugi Petroni bhala garanti solidali.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-11 ta' Ottubru 2002, li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-Bank attur ikkonceda lis-socjeta' konvenuta USA Boats Ltd facilita' ta' self u in forza ta' din il-facilita' l-imsemmija socjeta' sselfet flus minghand il-Bank attur u

ghandha debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta' ghoxrin elf, tmien mija tmienja u sittin liri Maltin hamsa u disghin centezmi (LM20,868.95) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "A" bl-interessi kkalkolati sal-ghosrin (20) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv.

Illi permezz ta' skrittura privata datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju elf disa' mija tlieta u disghin (1993) li l-original taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok "B" Philip Petroni tul iz-zwieg tieghu ma' Josette Petroni kien igarantixxa solidalment mas-socjeta' konvenuta l-hlas lura ta' dan id-debitu sa l-ammont ta' tletin elf liri Maltin (LM30,000) skond kif hemm ahjar deskritt.

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Jigu kollha solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lil Bank attur s-somma ta' ghoxrin elf, tmien mija u sittin liri Maltin hamsa u disghin centezmi (LM20,868.95) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "A" bl-interessi kkalkolati sal-ghoxrin (20) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tas-26 ta' Novembru, 2001 tal-mandat ta' qbid kawtelatorju ppresentat

konteswalment ma' din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv

kontra s-socjeta’ konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom, u kontra l-konvenuti l-ohra li huma wkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Alexander Cutajar I.D. 387084(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata fit-30 ta’ Gunju 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjenti Josette Petroni mhijiex garanti solidali ghad-dejn tas-socjeta’ konvenuta USA Boats Ltd. kif jirrizulta mill-Guarantee Form hawn annessa bhala Dok. ‘A’ u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi s-socjeta’ attrici hija obbligata bil-ligi illi tipprocedi l-ewwel ghall-gbir tad-debitu lilha dovut fil-konfront tad-debitur principali s-socjeta’ konvenuta USA Boats Ltd. a tenur tal-artikolu 1934 tal-Kap. 16.

3. Illi t-talba attrici hija ezagerata u eccessiva stante illi hemm komputazzjoni ta’ imghax fuq l-imghax.

4. Illi l-kunsens tal-eccipjent Philip Petroni fil-mument tal-kuntrattazzjoni kien vizzjat u ghalhekk mhuwiex validu skond il-ligi.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Lulju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Qorti semghet lil

Raymond Formosa bhala xhud prodott mill-bank attur fis-seduta tad-29 ta’ Marzu 2004.

Ikkunsidrat.

Illi ma hemmx kwistjoni li s-socjeta’ konvenuta isselfet minghand il-bank attur is-somma imsemmija fic-citazzjoni.

Il-konvenuti personalment qed jeccepixxu li l-konvenuta Josette Petroni mhijiex garanti solidali ghaliex hija ma ffirmatx il-formola in kwistjoni. In effetti l-bank attur qed jiccitaha ukoll ghaliex il-konvenut kien iffirma l-garanzija fl-1993 u cioe’ tul iz-zwieg tieghu mall-konvenuta. Oltre dan il-garanzija giet iffirmata qabel l-emendi tal-1993 (li gew fis-sehh f’Dicembru tal-istess sena) u allura fiz-zmien meta r-ragel seta’ jorbot wahdu lill-komunjoni tal-akkwisti. Kwindi l-konvenuta hija ukoll responsabbli ghad-dejn, sakemm dan jirrigwardja l-istess komunjoni izda mhux il-proprjeta’ parafernali taghha.

L-eccezzjoni li skond l-artiklu 1934 l-atturi ghandhom l-ewwel jipprocedu fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta ma ghandhiex bazi legali.

Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra l-konvenuti ma ressqu ebda prova u ghalhekk se jigu respinti ukoll.

**Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi, fuq cahda tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa’ t-talbiet attrici u ghalhekk;**

**1. tikkundanna lill-konvenuti solidalment (salv fejn jirrigwardja lill-konvenuta Josette Petroni, l-assi parafernali taghha) jhallsu lill-bank attur is-somma ta’ ghoxrin elf tmenin mija u tmienja u sittin lira Maltin (LM20.868.95c) flimkien ma’ imghaxjiet**

**ulterjuri mill-21 ta' Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv;**

**L-ispejjes kollha tal-kawza u dawk imsemmija fic-citazzjoni jigu sapportati mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------